# ELEZZJONI 2008

BIL-VOT TIEGĦEK IL-BIDLA

www.alternattiva.org.mt www.adgozo.com

# NAĦDMU FLIMKIEN …
# F'KOALIZZJONI

***Alternattiva Demokratika – The Green Party***

# *Bil-vot tiegħek, il-bidla*

Illum aħna eluf li għandna għatx għal politika mod ieħor. Alternattiva biss … bil-preżenza tagħha fil-parlament tista tbiddel il-politika mill-qiegħ.

Hafna jistaqsuna x'jiġri meta naslu biex niffurmaw gvern ta' koalizzjoni, fuq liema punti bi ħsiebna nagħfsu l-iżjed? X'inhu dak li rridu niksbu l-ewwel għal min jagħtina l-vot? It-tweġiba tagħna ssibuha hawn. Dawn huma l-kwistjonijiet l-iżjed urġenti.

Bl-ebda mod ma rridu ninsew is-setturi l-oħra li huma ta' importanza kbira għalina. Kienu u jibqgħu: s-saħħa, l-edukazzjoni, l-politika barranija u s-sehem ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, is-servizzi soċjali u l-pensjonijiet, ir-relazzjoniiet industrijali, is-sigurtá fuq il-post tax-xogħol, l-investiment barrani, s-sistema ta' taxxa, t-turiżmu, r-riċerka u t-teknoloġija avvanzata. Hemm biżibilju ta' setturi li tkellimna dwarhom u li dwarhom fissirna ruħhna fil-manifest tal-partit ta' 'l fuq minn 400 proposta. Fissirna ukoll fehmitna b'mod dettaljat f'manifest elettorali għal Għawdex. Kull kelma li għedna tibqa' torbotna.

Dawn li slitna hawn mill-kitba u mill-ħidma tagħna fuq tmintax-il sena huma l-punti li rridu li jitwettqu mill-gvern li jintgħażel fl-2008 jekk ikun irid l-appoġġ tagħna. L-oħrajn jibqgħu l-miri tagħna, l-qafas li fih nħaddmu l-politika tagħna u tajjeb li jkun jafhom min irid jaħdem magħna biex ma jitħajjarx imur kontrihom u biex ikun avżat minn qabel x'inhuma l-miri li rridu nilħqu.

F'koalizzjoni Alternattiva Demokratika tiżgura li l-gvern, magħmul kif ikun magħmul, ma jimxix b'arroganza jew jonqos mir-rispett lejn iċ-ċittadin, tkun xi tkun il-fehma tiegħu. Irnexxielna kemm–il darba mingħajr ma konna fil-parlament. Fi gvern ta' koalizzjoni nkunu nistgħu niżguraw imġieba ħafna aħjar milli rajna s'issa. Biex naħdmu fih, il-gvern li jmiss għandu jħaddem politika ta' meritokrazija stretta. Jeħtieġ li mhux biss kulħadd jieħu li ħaqqu iżda li kulħadd ikun konvint li ma jsirux pjaċiri, li ħadd ma jibqa' lura għax m'għandux qaddisin. Il-kejl għandu jissejjes fuq il-ħila u l-ġustizzja u mhux fuq il-lealtá lejn xi partit.

Fi gvern ta' koalizzjoni Alternattiva Demokratika tiżgura li Malta tieħu u tagħti sehemha fl-Unjoni Ewropea. Il-gvern li naħdmu fih għandu jmur mill-kliem għall-fatti, f'kull m'għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-Maltin bħala ċittadini Ewropej. Nagħrfu li Malta għandha sehem għaliha x'tagħti biex jissaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi ta' l-Unjoni u biex tkun il-post fejn jiltaqgħu u jaħdmu flimkien il-pajjiżi membri mal-pajjiżi ġirien tagħna.

Aħna nistgħu nagħtu garanzija li ħadd ma jkun jista' jiknes taħt it-tapit kwistjonijiet ta' importanza nazzjonali. Aħna se nkunu rappreżentati fil-parlament li jmiss u għalhekk tajjeb li wieħed ikun jaf bil-quddiem dak li aħna bi ħsiebna niksbu għall-Maltin u l-Għawdxin kollha.

# Werrej

1. *L-AMBJENT TAGĦNA*
2. *DJARNA*
3. *IT-TRASPORT TAGĦNA*
4. *IL-FAMILJI TAGĦNA*
5. *L-EKONOMIJA TAGĦNA*
6. *ID-DEMOKRAZIJA U D-DRITTIJIET TAGĦNA*

# L-AMBJENT TAGĦNA
## *"Alternattiva fi gvern ta' koalizzjoni u responsabbli għall-Ambjent"*

### L-isfidi

Minkejja kull propaganda u diskors, il-gvern Nazzjonalista huwa falliment fil-qasam ambjentali; f'dan sab il-kompliċitá siekta tal-Partit Laburista li bħalu jibqa' b'impenn sħiħ jaqdi l-interessi ta' l-ispekulaturi u tal-kuntratturi li jiffinanzjaw liż-żewġ partiti l-oħra.

Ir-regolatur ta' l-ippjanar u tal-ħarsien tal-ambjent, inkarigat biex iħares l-interessi tal-komunitá kollha, jibqa' taħt il-madmad tal-indħil politiku u minħabba f'hekk tilef kull kredibiltá. F'għajnejn in-nies, il-Mepa b'saħħitha kontra d-dgħajjef u dgħajfa ma' min hu b'saħħtu. Wara li dħalna fl-UE, l-gvern jidher li iżjed moħħu biex isib kif se jaħrab mir-regolamenti ambjentali milli biex jħaddimhom tajjeb – ir-riżultat narawh fil-kampanja mbiċċra u l-bini bla bżonn u bla waqfien fl-ibliet u fl-irħula tagħna u fin-nuqqas ta' azzjoni f'każijiet bħal taż-żewġ *power stations* li mhux konformi mad-direttivi tal-UE. Il-konsegwenzi ta' dan narawh fin-numru dejjem jikber ta' proċeduri ta' infrazzjoni miftuħin mill-UE kontra Malta.

Il-gvern ma jafx jistħi. Fl-2006 estenda ż-żoni ta' l-iżvilupp mingħajr ma ta kas tad-degradazzjoni ambjentali u t-tħarbit f'zoni residenzjali li din iż-żieda kienet se ġġib magħha. Minkejja l-53,000 dar vojta il-gvern żied fl-għoli tal-bini madwar Malta u Għawdex bil-konsegwenza qegħdin jitwaqqgħu djar relattivament ġodda biex isiru flettijiet.

Barra minn dan l-ambjent fl-ibliet hu mhedded mill-bini ta' bosta proġetti kbar ħafna ta' natura spekulattiva li żgur sejrin joħolqu problemi dejjiema u intollerabbli mhux biss huma u jinbnew iżda ukoll wara li jitlestew: b'żidiet fit-traffiku u tniggis, apparti it-tifrik tal-pajsaġġ, kif ukoll id-dellijiet li jaqgħu fuq il-bini biswithom.

### Il-viżjoni tagħna

L-Alternattiva fi gvern ta' koalizzjoni tiżgura li l-ambjent jitpoġġa fil-quċċata tal-agenda politika ta' pajjiżna. Dan isir billi l-Alternattiva fi gvern ta' koalizzjoni tingħata r-responsabbiltá għall-ħarsien tal-ambjent. Jiġi żgurat li tissolva darba għal dejjem il-problema tar-rwolijiet kunfliġġenti tal-Mepa billi din tinqasam f'żewġ awtoritajiet, waħda responsabbli għall-ħarsien tal-ambjent u l-oħra għall-ippjanar tal-iżvilupp. Jiġi żgurat ukoll li r-residenti jkollhom aktar drittijiet fil-proċess tal-ippjanar.

L-Alternattiva fi gvern ta' koalizzjoni hija garanzija li jitħarsu l-interessi tal-Maltin kollha, kif ukoll dawk tal-ġenerazzjonijiet futuri u mhux l-interessi ekonomiċi ta' klikka ta' kuntratturi. Fuq kollox irridu naraw lil Malta protagonista fl-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-ambjent.

## Il-prijoritajiet tagħna fi gvern ta' koalizzjoni

Biex titwettaq il-viżjoni tagħna hemm bżonn li fil-gvern li jmiss il-Ministeru ta' l-Ambjent ma jingħatax lil membru ta' xi wieħed mill-partiti tradizzjonali, għaliex it-tnejn li huma jiddependu għal kollox mill-finanzjament tal-kuntratturi u ta' l-ispekulaturi. Alternattiva Demokratika fi gvern ta' koalizzjoni tinnegozja sabiex tingħata ir-responsabbiltá għall-ambjent, bil-għan li jintlaħaq dan li gej:

1.1 Riforma tal-Mepa biex il-ħarsien tal-ambjent jinfired mill-ippjanar tal-iżvilupp. Il-bordijiet ta' tmexxija ta' dawn l-Awtoritajiet jinħatru wara li n-nomina tagħhom tkun ikkunsidrata u approvata minn kumitat parlamentari. L-Alternattiva fi gvern ta' koalizzjoni tkun il-garanzija li ma jkunx hemm indħil mill-gvern tal-ġurnata fil-ħidma ta' dawn iż-żewġ awtoritajiet.

1.2 Jiġi ddemokratizzat il-proċess tal-ippjanar tal-iżvilupp billi l-approvazzjoni ta' kull proġett li jeħtieġ Eia (*environmental impact assessment*) tibda tkun suġġetta għal referendum fil-lokalitajiet milquta minn dan il-proġett. Sabiex ir-residenti jkunu fl-aħjar qagħda li jiddeċiedu, r-residenti għandhom jibdew jingħataw aċċess għall-istudji kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-proġett.

1.3 Niżguraw li jitħarsu d-direttivi u r-regolamenti ambjentali kollha tal-Unjoni Ewropea inkluż l-abolizzjoni darba għal dejjem tal-kaċċa u l-insib fir-rebbiegħa. Niżguraw ukoll li Malta jkollha rwol pro-attiv fl-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, mhux kif qed jiġri bħalissa, fejn pratikkament Malta qed tipprova timblokka kull proposta għal titjib ambjentali.

1.4 L-abrogazzjoni tar-riżoluzzjoni parlamentari li estendiet iż-żoni tal-iżvilupp bla bżonn u mingħajr konsultazzjoni xierqa.

1.5 Bl-Alternattiva fi gvern ta' koalizzjoni jiġi żgurat ukoll li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha jgawdu minn aċċess ħieles għall-art pubblika fil-kampanja kif ukoll għall-ixtut. Jiġi żgurat li l-infurzar tal-liġi kontra kull qed jokkupa art pubblika illegalment.

1.6 Titfassal, tiġi approvata u implimentata liġi usa' rigward il-ħarsien ta' l-annimali.

# DJARNA
## *"Mingħajr ħela, mingħajr tbatija"*

### L-isfidi

Malta tista' tiftaħar li għandha rata mill-ogħla ta' dawk li huma sidien ta' djarhom. Sewwa li niftaħru b'dan. Madankollu l-qagħda nbidlet drastikament f'dawn l-aħħar għaxar snin, l-iżjed minħabba li l-prezzijiet baqgħu telgħin sparati waqt li d-daqs medju tal-postijiet il-ġodda kompla jiċkien. Dan ġab pressjoni kbira fuq familji li jitqabdu mal-piż finanzjarju ta' self fuq 40 sena. L-effetti soċjali li issa bdew joħorġu ilha li kixfithom Alternattiva Demokratika iżjed minn 10 snin ilu. Il-partiti l-oħra għoġobhom jagħrfu s-sitwazzjoni ricentament. Bil-wiċċ tost kollu qed jwegħdu "soluzzjoni" billi jissussidjaw lil min jixtri l-ewwel dar, mossa li biha fil-fatt jissusidjaw lill-ispekulaturi u jkomplu jħeġġuhom jibnu djar iċken.

Hi ċajta politika morra li dan kollu qiegħed iseħħ f'pajjiż li skond l-aħħar ċensiment għandu 53,000 dar vojta; vojt enormi li qatt ma nistgħu nimlewh. Għal min ma jridx jibqa' jsodd widnejh, iċ-ċensiment qalilna b'mod ċarissimu li m'hawn l-ebda skarsezza ta' bini f'Malta. Hawn żejjed ibeżża'. Is-soluzzjoni għall-problemi tad-djar tista' tinstab b'liġi li tiffavorixxi lil min jikri jew juża l-propjetà tiegħu, filwaqt li tolqot li min jispekula u jaħżen il-propjetajiet vojta.

L-akbar skandlu jibqa' l-fatt li f'qagħda bħal din il-gvern baqa' ċċassat: mhux biss ma jafx kif jagħmel ġustizzja mas-sidien ta' propjetajiet b'kera kkontrollata għal iżjed minn sittin sena, iżda fl-2007 bidel il-liġi u għamilha agħar.

### Il-viżjoni tagħna

Irridu naħdmu sabiex noħorġu mill-qagħda preżenti li tippremja lil min jaħżen il-propjetajiet vojta u lil min jibni bl-addoċċ, minflok għandna naħdmu sabiex kull propjetà tintuża. Jekk ikun hemm iżjed propjetajiet għall-bejgħ jew għall-kiri, il-prezzijiet ma jibqgħux telgħin. Fuq kollox irridu naraw soċjetà ġusta li ma tibqax għamja quddiem min sofra l-inġustizzja u bis-saħħa tal-liġi ċċaħħad minn ħwejġu għal sittin sena sħaħ. Kull min qiegħed f'din is-sitwazzjoni qed jerfgħa fuq spallejh il-piż tal-*housing:* piż li għandu jġorru l-gvern f'isem is-soċjetà kollha. Jintemm l-iskandlu ta' miljunarji mħarsin mil-liġi meta jokkupaw djar ta' ħaddieħor b'kera redikola.

## Il-prijoritajiet tagħna fi gvern ta’ koalizzjoni

2.1 Niżguraw li riforma fil-liġi tal-kera tkun fl-ogħla post fl-aġenda tal-gvern li jmiss. Waqt li nagħrfu li r-riforma ma tistax issir mil-lum għal għada; jista’ jintemm minnufih il-“wirt” tal-kirjiet u jibda jingħata kumpens xieraq lis-sidien sakemm ir-riforma titwettaq għal kollox. Anzjani li qegħdin fil-kera jkunu żgurati li ma jitkeċċewx mill-post iżda s-sid jingħata kumpens mill-gvern f’dawk il-każijiet li l-anzjani ma jkunux jifilħu jħallsu kera b’rata kummerċjali.

2.2 Inħeġġu l-ħolqien ta' suq tal-kera attiv u realistiku bit-tnaqqis tat-taxxa fuq dħul minn kera għal 15%. Suq b’kirjiet li jifilħuhom il-Maltin hu l-qofol ta’ pjan li joħloq għażliet ġodda minflok li kulħadd jiġi mġiegħel jixtri bilfors bi prezzijiet m’ogħla s-smewwiet.

2.3 Biex jitqegħdu iżjed propjetajiet fuq fis-suq kemm għall-bejgħ kif ukoll għall-kiri, hemm bżonn li tiġi approvata liġi li tenforza *standards* minimi ta’ manutenzjoni fuq propjetajiet residenzjali.

2.4 Biex il-gvern ikollu l-fondi li jeħtieġ għas-sussidju fuq kirjiet soċjali tibda tinġabar kontribuzzjoni ta’ 0.5% fuq il-valur iddikjarat mis-sidien ta’ propjetajiet li m’humiex residenzi primarji jew sekondarji (eż villeġġjatura). Ma titħallasx taxxa fuq id-dħul minn kirjiet fuq propjetá li għaliha tkun tħallas dan il-kontribut.

# IT-TRASPORT TAGĦNA

*"Żieda fil-mobilità, żieda fl-għażla"*

## L-isfidi

Il-mobilità u t-trasport f'pajjiż ċkejken u ffullat huma sfida serja. Gvern wara l-ieħor kollha naqsu li jilqgħu l-isfida bis-serjetà. Jibqgħu mingħajr viżjoni dwar kif sejrin jiffaċċjaw l-effett tal-falliment tagħhom fuq is-saħħa pubblika, fuq il-prodott turistiku, fuq l-ambjent fl-ibliet tagħna kif ukoll fuq il-kwalità tal-ħajja tagħna minħabba l-istorbju u t-taqbida biex wieħed jivvjaġġa f'traffiku dejjem wieqaf jew kważi. F'pajjiż żgħir bħal tagħna transport pubbliku effiċjenti jista' jnaqqas ħafna l-ħtieġa ta' karozzi fit-toroq. Dan iġib miegħu benefiċċji immedjati – it-triqat tagħna jingħataw lura lin-nies.

Malta, u Għawdex aktar minnha, tistrieħ għal kollox fuq it-trasport privat. Gvern wara ieħor jibqa' jżid ma' din is-sitwazzjoni bil-politika tiegħu mċajpra mill-fatt li l-partiti fil-parlament huma iffinanzjati mill-importaturi tal-vetturi li spiss huma wkoll spekulaturi fil-bini.

Il-bidla meħtieġa titlob inizjattivi tul medda ta' żmien. Jeħtieġ li jitfassal pjan għal żmien itwal minn leġiżlatura waħda u għalhekk jeħtieġ kunsens politiku wiesa' li jista' jintlaħaq biss jekk il-mertu ma jippruvax jikkapparah partit wieħed waħdu fil-gvern.

## Il-viżjoni tagħna

Irridu soċjetà li tipprovdi liċ-ċittadini membri tagħha b'għażla wiesgħa ta' modi ta' trasport. Kull ċittadin għandu dritt ta' għażla ta' mezzi ta' trasport għax-xogħol, għad-divertiment jew għall-qadjiet tiegħu. B'għażliet bħal dawn quddiemna, ikun sew ukoll li r-residenti ta' kull lokalità jingħataw prijorita fil-parkeġġ tal-vetturi tagħhom fil-lokalità fejn jgħixu.

## Il-prijoritajiet tagħna fi gvern ta' koalizzjoni

3.1 Il-liberalizzazzjoni tat-trasport pubbliku. Xogħol il-gvern għandu jkun li jiżgura li jkun qiegħed jitħaddem servizz ta' trasport pubbliku li wieħed jista' joqgħod fuqu, effiċjenti u aċċessibbli għall-but ta' kulħadd.

3.2 Kull min iċedi l-liċenzja tas-sewqan ikun intitolat għal servizz ta' trasport pubbliku b'xejn kif ukoll għad-dritt li jixtri mutur ta' qawwa żgħira mingħajr ħlas ta' taxxi ta' reġistrazzjoni jew tat-triq. Il-bus lanes għandhom jiżdiedu bil-kbir u jkunu aċċessibbli għal dawn il-muturi u għal vetturi li ma jniġġsux.

3.3 Wara konsultazzjoni pubblika sħiħa, partikolarment mal-kunsilli lokali, jiġu introdotti skemi ta' parkeġġ għar-residenti fil-lokalitajiet kollha.

3.4 Malta u Għawdex għandhom bżonn sistema ta' trasport tal-massa biex tlaħħaq ma' l-isfidi tas-seklu 21. Kull alternattiva għandha tiġi esplorata, saħansitra dik ta' *underground*. B'sehmna fi Gvern ta' koalizzjoni għandna niżguraw li sa tmiem il-leġiżlatura li jmiss tkun intgħażlet is-sistema addattata u jibda x-xogħol fuqha.

# IL-FAMILJI TAGĦNA

## *"Familja b'saħħitha f'komunità mħarsa"*

### L-isfidi

Waħda mill-akbar sfidi li jiffaċċja l-gvern li jmiss hi kif se jlaħħaq mal-ħtiġijiet ekonomiċi, soċjali u personali tal-familja moderna filwaqt li jirrispetta d-diversità u l-għażliet ta' stili ta' ħajja differenti. Il-politika Maltija teħtieġ li tkun iżjed progressiva fil-proposti tagħha biex tgħin it-tisħiħ tal-familji. Biħsiebna nilqgħu għal kull tentattiv li jsir biex ireġġa' lura l-progress li lħaqna. Madankollu nagħrfu li bħal kull pajjiż ieħor fl-Ewropa, Malta qiegħda tiffaċċja sfidi demografiċi kbar, bi tnaqqis fit-twelid u żieda fin-numru ta' l-anzjani.

It-tibdil fir-rwol tan-nisa fis-soċjetà, l-iżjed fil-familja, hu żvilupp li Alternattiva Demokratika tilqa' bil-qalb. Nemmnu li hu żvilupp pożittiv li kuntrarju għall-imgħoddi, illum in-nisa qegħdin f'qagħda aħjar li jilħqu l-ambizzjonijiet personali u professjonali tagħhom. Qiegħed jinbidel ukoll r-rwol ta' l-irġiel fil-familja għalkemm nemmnu li hemm bżonn isir iżjed biex tinkiseb flessibbiltà akbar fir-rabta bejn ix-xogħol u l-ħajja tad-dar sabiex ikunu jistgħu jagħtu sehem akbar fit-trobbija tat-tfal u fix-xogħol tad-dar.

Il-familji tagħna qegħdin isibu anqas paċi u serenità fil-komunitajiet tagħhom minħabba traffiku żejjed, minħabba l-kriminalità, l-iżdingar ta' postijiet pubbliċi, imġieba anti-soċjali u l-kummerċjalizzazzjoni ta' akkwati residenzjali. Il-partiti fil-parlament baqgħu ma jagħtux każ dawn il-problemi u ma jagħtux każ it-tbatija, xi kultant kbira ħafna, ta' residenti li jitilfu l-kwiet ta' djarhom minħabba t-traskuraġni tagħhom.

### Il-viżjoni tagħna

Irridu soċjetà mmexxija minn gvern li jqiegħed il-ħtiġijiet tal-familji fiċ-ċentru tal-politika soċjali u ekonomika tiegħu. Fil-viżjoni tagħna tissaħħaħ il-familja billi tingħata għajnuna fiż-żmien meta tinħtieġ l-aktar. Għalina hu kruċjali li din tingħata meta t-tfal ikunu għadhom żgħar u l-familja aktarx ikollha dħul aktar baxx (ukoll minħabba l-perjodi li fihom l-familja jkollha tgħix minn paga waħda.) u spejjeż akbar.

Fil-viżjoni tagħna s-soċjetà tinbena fuq pedament ta' komunitajiet imħarsa u li fihom kulħadd ikun żgurat minn rimedji effettivi kontra min għandu disprezz għal-liġi u għad-drittijiet ta' ħaddieħor. Malta ma tibqax il-pajjiż ta' min hu wiċċu tost. B'riforma profonda fil-korp tal-pulizija, fil-liġi u għalhekk fil-qrati tal-maġistrati, tingħata prijoritá lid-dritt tar-residenti li jgawdu l-kwiet ta' darhom u ħajja fil-komunità ħielsa minn theddid, vendikazzjonijiet u milll-prepotenza ta' min jasal u ta' min mingħalih li ħadd ma jista' għalih.

**Il-prijoritajiet tagħna fi gvern ta' koalizzjoni**

4.1 Il-btala tal-maternitá tiżdied il-btala minn 13-il ġimgħa għal 26 ġimgħa. Iż-żieda titħallas mill-gvern bir-rata ta' 166 Ewro (Lm70) fil-ġimgħa.

4.2 Servizz ta' kura tat-tfal f'ċentri tal-komunità waqt il-ħin tax-xogħol sa l-età ta' sentejn, jew il-ħlas ta' kumpens lil min jindokra lit-tfal fil-familja waqt li l-ġenituri jkunu għax-xogħol (eż. in-nanniet)

4.3 Tissaħħaħ il-preżenza tal-pulizija fil-komunitajiet bil-ftuħ permanenti tal-għasses u t-tiġdid tar-ronda f'żoni residenzjali u kummerċjali.

4.4 Jiddaħħlu sistemi li jimmoniterjaw b'mod awtomatiku l-inkonvenjenti għar-residenti maħluqa minn postijiet kummerċjali bħall-storbju, rwejjaħ eċċ.

4.5 Tiġi riveduta l-liġi dwar il-liċenzjar tal-ħwienet ħalli jerġa jibda jkun hemm bżonn tal kunsens tar- residenti sabiex jinfetħu postijiet kummerċjali f'żoni residenzjali,

4.6 Biex tinqata' minn fostna darba għal dejjem il-kultura kerha tal-vendikazzjonijiet, tiddaħħal liġi li tikkastiġa bl-iżjed mod aħrax lil min jinqabad jagħmel vendikazzjoni fuq ħwejjeġ ħaddieħor. Il-piena tiżdied jekk dan isir minħabba l-opinjoni politika tal-vittma.

# L-EKONOMIJA TAGĦNA

***"Taxxa ġusta, konsumatur b'saħħtu"***

## L-isfidi

L-ekonomija Maltija għamlet passi kbar 'il quddiem mill-indipendenza 'l hawn. Bid-dħul ta' Malta fl-UE kibru l-opportunitajiet u l-adozzjoni ta' l-ewro tawgurawlna futur isbaħ. Nagħrfu wkoll li parti kbira mill-ġid li ħloqna nkiseb a spejjeż ta' l-ambjent . Hu għalhekk li nikkritikaw lil din il-politika u nagħrfu li ma nistgħux inkomplu għaddejjin b'politika ekonomika insostenibbli. Nemmnu wkoll li minkejja l-isforzi li saru biex jinġabru t-taxxi dovuti, Malta tibqa' pajjiż li fih il-klassi tan-nofs bi dħul minn impjieg iġġorr piżijiet kbar wisq biex tpatti għall-ftit li jevadu t-taxxa. Għalhekk nemmnu li l-gvern li jmiss għandu jkompli fil-ħidma biex titħallas it-taxxa dovuta u b'hekk ikun jista' jnaqqas il-piż tat-taxxa tad-dħul l-iżjed fuq il-familji u n-neġozji ż-żgħar.

Nemmnu wkoll li għandu jsir sforz flimkien biex jitjiebu d-drittijiet tal-konsumaturi, qasam li baqa' ttraskurat minn gvern wara l-ieħor. Malta tista' tingħad li hi pajjiż sotto-żviluppat minn dan il-lat. Nemmnu li gvern li għandu jagħti bidu għal bidla mill-qiegħ tal-kultura tagħna f'dan il-qasam.

Jidhrilna li jeħtieġ issir reviżjoni tas-sistema tas-surcharge fil-kontijiet tad-dawl biex jiżdied il-poter ta' l-akkwist tal-familji. Madankollu dan m'għandux isir billi titnaqqas bl-addoċċ is-surcharge iżda għandha tintlaħaq prinċiplament billi jinħonoq is-serq ta' l-elettriku u b'titjib fl-effiċjenza, fl-użu, fil-ġenerazzjoni u fid-distribuzzjoni ta' l-elettriku. Minflok rata ta' surcharge waħda jiddaħħlu rati differenti marbuta mal-livell ta' konsum skond in-numru ta' persuni fid-dar u l-bżonnijiet tagħhom.

## Il-viżjoni tagħna

Kull ċittadin għandu jgawdi mill-ġid li jinħoloq fil-pajjiż. Għandna nimmiraw għal sitwazzjoni fejn il-gvern, kemm jista' jkun, jirnexxilu jiġbor dak li suppost jiġbor mit-taxxi. Jekk il-Gvern jirnexxilu jagħmel dan, ikun f'qagħda aħjar li jqassam mill-ġid li jinħoloq, billi per eżempju jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq il-familji u fuq in-negozji ż-żgħar. Barra minn dan nemmnu li ekonomija iżjed ġusta tissawwar biss bit-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi li ilhom għal għexieren ta' snin sfruttati bl-għemil abbużiv ta' ftit intrapriżi bla skrupli.

## Il-prijoritajiet tagħna fi gvern ta' koalizzjoni

5.1 It-tnaqqis ta' l-ogħla rata tat-taxxa fuq id-dħul minn 35% għal 30% u t-tisħiħ tal-ġbir tat-taxxi. Tkun il-politka fit-tul tal-gvern li r-rata tat-taxxa tkompli titnaqqas 'il quddiem jekk l-ammont ta' taxxa miġbura jkompli jikber. Jekk ikun meħtieġ it-taxxa

fuq id-dħul tal-banek tiżdied sa 40% biex tagħmel tajjeb għal xi tnaqqis fid-dħul tal-gvern minħabba dan it-tibdil.

5.2 Titwaqqaf organizzazzjoni għad-drittijiet tal-konsumaturi iffinanzjata mill-gvern iżda imħaddma b'indipendenza mill-gvern u mill-interessi kummerċjali.

5.3 Issir reviżjoni tal-mekkaniżmu tas-*surcharge* billi jiddaħħlu rati differenti ibbażati fuq il-konsum. Ir-rata għandha tinħadem skond il-konsum ras imb'ras; jiġu ikkunsidrati ukoll il-bżonnijiet speċjali tal-familji. Is-sistema għandha tippremja lil dawk li jnaqqsu l-konsum tagħhom billi toffrilhom rata iktar baxxa ta' *surcharge*. L-applikazzjoni tas-*surcharge* tkun marbuta mal-prezz taż-żejt. Hekk kif il-pajjiż jibda jipproduċi l-elettriku mill-enerġija alternattiva awtomatikament tonqos is-*surcharge*.

# ID-DEMOKRAZIJA U D-DRITTIJIET ĊIVILI TAGĦNA

***"It-tmexxija mill-maġġoranza b'rispett għad-drittijiet ta' kulħadd "***

## L-isfidi

Malta kollha tixtieq li tista' tinsa darba għal dejjem iż-żmien tal-vjolenza politika, l-iżjed fis-snin tmenin. Minflok dan jibqa' jitfakkar u dejjem tiġġedded il-biża' bil-konsegwenza li qatt ma nkunu nistgħu nqisu l-kwistjonijiet politiċi tal-mument mingħajr ma jtellfuna dawn it-tifkiriet koroh. Jibqgħu mċappsin bla tort bħala ħatja ta' azzjonijiet ħżiena eluf ta' Maltin li qatt ma weġġgħu lil ħaddieħor jew naqsu lill-ġirien tagħhom.

Barra minn din il-problema li ħloqna għalina stess, hemm oħrajn li writna mill-istorja ta' elfejn sena ħakma barranija li tkompli tkarkar fil-kultura politika u personali tagħna. L-arroganza ta' gvern wara ieħor, l-iżjed meta jagħmel żmien twil fil-poter, tixbah u għandha l-għeruq tagħha fid-disprezz li, meta dehrilhom, wrew lejna ħafna minn dawk li ħakmuna tul is-sekli. Il-wiċċ l-ieħor ta' din il-kultura hi t-tolleranza ta' l-arroganza min-naħa tagħna billi noqgħodu għall-imġieba ħażina tal-gvernijiet tagħna li f'pajjiżi oħra ilha li nqatgħet. M'ilux ħafna snin li kien hemm politiku minnhom li tkellem dwar iċ-ċittadin arroganti. Dan inkixef li m'għandux ħjiel ta' kemm suppost min ingħata d-dmir li jmexxi għandu jkun hu li jagħti kont ta' għemilu liċ-ċittadin. Illum wassalna 'l-partit fil-gvern li għal din l-elezzjoni jwiegħed tliet proposti li aħna għarfanihom bħala kruċjali sa mill-elezzjoni ta' l-1992 u anke qabilha. Wara għoxrin sena fil-gvern għall-PN dawn għadhom wegħdiet. Hi sfida li nilqgħu bil-qalb li niżguraw li dawn il-wegħdiet jitwettqu mill-gvern li nagħmlu parti minnu u ma jibqgħux ix-xinxilli għal żmien l-elezzjoni biss.

## Il-viżjoni tagħna

Id-drittijiet ta' kull ċittadin għandhom ikunu mħarsa b'għożża minn kull ċittadin ieħor. Jeħtieġ li ngħarfu li meta jinħaqar u jkun hemm diskriminazzjoni fil-konfront ta' wieħed minna, lkoll nkunu fil-periklu. Fil-fatt bis-skiet tagħna nkunu qed inkabbru dan il-periklu. Meta l-gvern jeħodlok ħwejġek bla dritt jew meta ma jħallsekx ta' dak li ħaqqek bi dritt, ilkoll għandna nirvellaw. Meta biex jagħmlu pjaċir lit-tali jqabbżuh l-kju u jiskappriċċaw lil min ilu jistenna li jieħu dak li jixraqlu bi dritt, ħadd ma għandu jħares band'oħra u jagħmel ta' bir-ruħu li ma ġara xejn. Irridu li tinqata' l-marda li ngħidu 'aħħ' biss meta nweġġgħu aħna stess. Irridu li tinqata' l-marda li nikkundannaw il-moħqrija u d-diskriminazzjoni fil-konfront ta' ħaddieħor biss meta ma jkunx fil-gvern il-partit tagħna. Hekk biss nistgħu nkunu żguri li d-drittijiet verament qed jitħarsu.

## Il-prijoritajiet tagħna fi gvern ta' koalizzjoni

6.1 Tidħol fis-seħħ minnufih wara l-elezzjoni liġi dwar **id-Dritt ta' Informazzjoni** b'tibdil żgħir minn dak propost fil-*White Paper* li tħejjiet mill-gvern. Għandu jitwessa' d-dritt ta' informazzjoni taċ-ċittadin, l-iżjed fejn jidħol tagħrif personali dwaru miżmum fil-fajls jew fl-arkivji tal-gvern.

6.2 Tidħol fis-seħħ liġi (**Whistleblower Act**) li tagħti immunità lil min jikxef il-korruzzjoni f'atti pubbliċi ukoll jekk ikun imdaħħal direttament fiha hu. Dan biex mhux biss tikber l-opportunità għal min irid jikxef il-korruzzjoni jew għal min irid jaħrab minn kompliċità li tgħabba biha, iżda biex ħadd minn dawk li huma korrotti ma jkunu jistgħu joqgħodu moħħhom mistrieħ li ma jikxfuhomx sħabhom stess.

6.3 F'Malta, min għandu il-mezzi sabiex jiffinanzja lill-partiti politiċi jista jkollu influwenza kbira fuq kif jitmexxa il-pajjiż, u ħafna drabi dan isir għad-dannu ta' ħaddieħor. Għalhekk jeħtieġ li l-partiti jkunu indipendenti minn dawn in-nies. Minnħabba f'hekk, tiġi emendata l-liġi dwar l-elezzjonijiet, biex tirregola aħjar il-**finanzjament tal-partiti.** L-għoti tal-flus lill-partit jew lill-kandidati politiċi kif ukoll għanjuna mod ieħor jiġu kkontrollati mill qrib u jingħata kont pubbliku tagħhom. In-nefqa tal-partit tiġi kkontrollata, mhux biss waqt il-kampanja elettorali. Jidħlu f'dawn il-kontijiet il-valur ta' *airtime* fix-xandir ukoll jekk ma jsirx ħlas għalih. Il-ksur tal-liġi jsir reat u il-piena ma tibqax biss l-eliminazzjoni mill-elezzjoni li jkun imiss. Tiġi eżaminata kull possibbiltà biex il-partit politiċi jirtiraw mix-xandir uminn kull attività kummerċjali fejn joħolqu kompetizzjoni żleali.

6.4 Minħabba l-interessi elettorali tal-partiti, jibqgħu l-art dawk li huma milquta minn kwistjoni personali li l-partiti l-oħra jkomplu jittraskuraw fuq livell nazzjonali. Fost dawn insibu lil dawk li wara separazzjoni jkunu jridu jerġgħu jiżżewġu u ma jistgħux. Fl-1975 il-liġi ta' Malta bdiet tagħraf divorzji miksuba minn qrati barranin, iżda il-partiti l-oħra għadhom jibżgħu jippermettu lil xi qorti Maltija tagħti dan id-dritt. Alternattiva Demokratika tinsisti li f'soċjetà ħielsa ħadd m'għandu dritt li jżomm lil ħaddieħor milli jgħix il-ħajja tal-familja kif jogħġbu mingħajr ma jweġġa' lil ħaddieħor.

6.5 Id-drittijet, obbligi u dmirijiet ta' nies li jgħixu flimkien għandhom jiġu regolamentati b'liġi. Is-solidarjetá u l-impenn ta' persuni lejn xulxin ma jistgħux jiġu njorati mis-soċjetá. Mhux aċċettabbli li persuna li tkun qasmet parti kbira minn ħajjitha ma persuna oħra tispiċċa mitfugħa l-barra mingħhajr l-ebda jeddijiet ta' xejn. Il-liġi għandha tistabilixxi mhux biss id-drittijiet iżda wkoll id-dmirijiet u l-obbligi ta' persuni li jgħixu flimkien.

6.6 Aħna nemmnu li l-pozizzjonijiet kollha fil-bordijiet ta' diretturi ta' korporazzjonijiet pubbliċi għandhom għandhom jingħataw biss lil min ikun ikkwalifikat u kompetenti. Sabiex il-proċess ikun trasparenti kemm jista' jkun dawn il-ħatriet għandhom jiġu approvati minn kumitat parlamentari wara li jsir smiegħ pubbliku. Il-mertu għandu jkun l-unika kriterju li a bażi tiegħu tingħata din ix-xorta ta' ħatra.

******